

IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2011 — Tecnoprocess vs Il-Kummissjoni u Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Marokk

(Kawża T-264/09) ⁽¹⁾

("Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Sejħa għal teħid ta' azzjoni — Inammissibbiltà — Rikors għad-danni — Rabta kawżali — Dammu — Rikors manifestament infondat fid-dritt")

(2011/C 282/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Tecnoprocess Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: A. Majoli, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bordes u L. Prete, aġenti); u Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Marokk

Suġġett

Rikors intiż, min-naħa waħda, sabiex jiġi kkonstatat nuqqas li tittieħed azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u mid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Marokk u, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament subit minħabba, b'mod partikolari, dan in-nuqqas li tittieħed azzjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parjalment inammissibbli u parjalment manifestament infondat fid-dritt.
- (2) Tecnoprocess Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 220, 12.9.2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2011 — Acetificio Marcello de Nigris vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-351/09) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Sustanza attiva eszopiclone — Awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq — Nuqqas ta' rikonoximent tal-kwalità ta' sustanza attiva ġidida — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")

(2011/C 282/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sepracor Pharmaceuticals (Ireland) Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: I. Dodds-Smith, solicitor, D. Anderson, QC, u J. Stratford, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Sipos, sussegwentement M. Wilderspin u M. Šimerdová, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li fiha l-ittra tal-Kummissjoni mibgħuta lir-rikorrenti fis-6 ta' Mejju 2009, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq tal-Lunivja, sa fejn din tirrigwarda l-kwalifikazzjoni tas-sustanza attiva eszopiclone.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Sepracor Pharmaceuticals (Ireland) Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 220, 12.9.2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2011 — Acetificio Marcello de Nigris vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-351/09) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika protetta — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")

(2011/C 282/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Acetificio Marcello de Nigris Srl (Afragola, l-Italja) (rappreżentanti: P. Perani u P. Pozzi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u B. Rasmussen, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri et S. Fiorentino, avvocati dello Stato)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 583/2009, tat-3 ta' Lulju 2009, li jintroduċi denominazzjoni fir-reġistrat tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Aceto Balsamico di Modena (IĠP)] (ĠU L 175, p. 7).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent ta' Consorzio Filiera Aceto balsamico di Modena.